

21998D0709(13)

L 193/52

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.7.1998

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 96/97****tat-28 ta' Novembru 1997****li temenda l-Anness VI (Sigurta soċjali) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif agġustjat bil-Protokoll li jaġġustja l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem ssir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness VI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 82/97 ⁽¹⁾;

Billi r-Rakkomandazzjoni Nru 21 tat-28 ta' Novembru 1996 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 69(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 għall-persuni qegħda li jakkompajjaw lill-żwieġhom/marthom impjegati fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat kompetenti, adottata mill-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar sigurta soċjali għal ħaddiema immigranti ⁽²⁾, għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 4.7 (Rakkomandazzjoni Nru 20) fl-Anneaa VI mal-Ftehim:

“4.8. **97/C 67/03**: Rakkomandazzjoni Nru 21 tat-28 ta' Novembru 1996 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 69(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 għal persuni qegħda li jakkompanjaw lill-żwieġhom/marthom fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat kompetenti (ĠU C 67, ta' l-4.3.1997, p. 3).”.

Artikolu 2

It-testi tar-Rakkomandazzjoni Nru 21 fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li huma annessi mal-versjonijiet fil-lingwa rispettiva ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ma', il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Novembru 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

⁽¹⁾ ĠU L 134, tal-7.5.1998, p. 11.

⁽²⁾ ĠU C 67, ta' l-4.3.1997, p. 3.